Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

26 ta' Mejju, 1998

ATT Nru. XII ta' l-1998

ATT biex jemenda l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1998 li jemenda l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1995 dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att Nru. V ta' l-1995.

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għal għanijiet differenti ta' dan l-Att.

2. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:— Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "mitt lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn u ħamsin lira Maltija";

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu, minflok il-paragrafu (ċ) għandu jidħol dan li ġej:

"(ċ) Jekk it-talba tkun għal kapitali u mgħaxijiet, il-valur jiġi determinat mis-somom kapitali kollha flimkien li jkunu qed jiġu mitlubin, u t-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni dwar dik it-talba minkejja li s-somom tal-kapital u ta' l-imgħaxijiet mitlubin ikunu flimkien iġibu iżjed minn mitejn u ħamsin lira Maltija."; u

(ċ) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "l-mitt lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "l-mitejn u ħamsin lira Maltija".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok il-kliem "ħamsin lira Maltija" fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali, għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira Maltija".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

4. Minflok l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Reġistru tat-Tribunal.

11. (1) Ir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew ir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ, huwa r-Reġistru tat-Tribunal, u hemm jiġu ippreżentati l-atti tat-Tribunal.

(2) L-atti tat-Tribunal għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd, u jingħataw kopji tagħhom malħlas tad-dritt preskritt lil kull persuna li titlobhom.

(3) L-atti tat-Tribunal għandhom jiġu depożitati u miżmuma fl-arkivju tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fl-arkivju tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond il-każ.".

Dispożizzjoni transitorja.

5. (1) Kawżi li fil-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att ikunu pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandhom ikomplu jinstemgħu u jiġu maqtugħa quddiem l-imsemmija Qorti sakemm il-partijiet kollha f'dik il-kawża ma jaqblux illi l-istess kawża għandha tiġi maqtugħa mit-Tribunal, f'liema każ l-atti għandhom permezz tar-Reġistratur jiġu mgħoddija lit-Tribunal, li għandu minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali jiddeċiedi wkoll dwar l-ispejjeż inkorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). F'każ bħal dak il-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għandha tiġi intaxxata bħala ċeduta.

(2) L-emenda magħmula bl-artikolu 3 ta' dan l-Att għandha tapplika biss għal talbiet magħmula quddiem it-Tribunal wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 218 tat-22 ta' Mejju, 1998.

MYRIAM SPITERI DEBONO
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati